TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 424/10

**Karen Vassallo**
**vs**
**Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija w ħamsin ewro (€150), rappreżentanti libsa tat-tieġ illi ħadet għal dry cleaning u li l-bizzilla fuq il-libsa spiċċat bla kulur.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi hija ħadet il-libsa tat-tieġ għal dry cleaning għand is-soċjeta' intimata u meta marret tiġbor din il-libsa indunat illi kellha l-kulur tal-bizzilla mibdul.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-libsa ma ġarbet l-ebda ħsara u li ġara kien fil-bizzilla u li allura jirriżulta li l-bizzilla kellha difett.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-responsabilta' tal-cleaning hija f'idejn is-soċjeta' intimata u li jmissu jkun jaf bl-esperjenza professjonali tiegħu x'jista' jgħaddi mil-proċess ta' dan il-cleaning u mhux jgħaddi kollox u mbagħad wara jwaħħal fil-materjal.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija w ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**